



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15334/23

Fajls Interistituzzjonali:
2023/0811 (NLE)
2023/0812 (NLE)

CMPT 30

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar żewġ membri tal-Qorti tal-Awdituri

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta' ...

li taħtar żewġ membri tal-Qorti tal-Awdituri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 286(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposti mir-Renju tal-Belġju u r-Repubblika tal-Finlandja,

Wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Opinjonijiet tat-22 ta' Novembru 2023 (għadhom ma ġewx ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Il-mandat tas-Sur Hannu TAKKULA ser jiskadi fid-29 ta' Frar 2024. Ir-Repubblika tal-Finlandja pproponiet li s-Sur Petri SARVAMAA jinħatar membru tal-Qorti tal-Awdituri mill-1 ta' Ġunju 2024 sal-31 ta' Mejju 2030.
- (2) Il-mandat tas-Sa Iliana Annemie TURTELBOOM ser jiskadi fit-30 ta' April 2024. Ir-Renju tal-Belġju ppropona li hija terġa' tinħatar mill-1 ta' Mejju 2024 sat-30 ta' April 2030.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li s-Sur Petri SARVAMAA u s-Sa Annemie TURTELBOOM jinħatru għall-Qorti tal-Awdituri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dawn li ġejjin huma b'dan maħturin membri tal-Qorti tal-Awdituri:

- Is-Sur Petri SARVAMAA, għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2024 sal-31 ta' Mejju 2030,
- is-Sa Annemie TURTELBOOM, għall-perjodu mill-1 ta' Mejju 2024 sat-30 ta' April 2030.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
